MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 304/2008/1

**Siggiewi Basketball Club**

**vs**

**Michele Peresso Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih il-'club' attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta' hdax-il elf, mija u tmenin ewro (€11,180) ekwivalenti ghal erbat elef u tmien mitt lira maltin (Lm4,800), kif mis-socjeta' konvenuta pattwit skond 'sponsorship' agreement (anness u

mmarkat bhala Dok A) datat t-tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) fejn is-socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li tivversja s-somma ndikata, f’forma ta’ ‘sponsorship” u liema somma naqas li jivversa bi ksur ta’ l-imsemmi ftehim, minkejja d-diversi interpellanzi.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.

Is-socjeta’ konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-anness ‘sponsorship’ agreement’ a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament il-club attur ghandu jispecifika kif wasal ghas-somma minnu pretiza ta’ €11,180 u dan billi jipprezenta prospett li jkun sufficcjetement dettaljat.
2. Minghajr pregudizzju, subordinatament u fil-mertu il-kuntratt bejn il-kontendenti hu wiehed bilaterali u l-Club attur ma jistax jippretendi illi jinsisti illi s-socjeta’ konvenuta twettaq l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt minnu esebit meta naqas li jwettaq l-obbligi tieghu lejha naxxenti mill-istess kuntratt.
3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz, inkluz meta l-club attur jipprezenta l-prospett tas-somma minnu pretiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-President tal-‘club’ attur spjega meta xehed (fol 18 et seq ibid) illi kien sar ftehim ta’ “sponsorship” bejn l-istess ‘club’ w is-socjeta’ konvenuta skond kif risultanti a fol 2 sa fol 5 tal-

atti. Permezz tal-klawsola tlieta (3) a bazi ta' dan il-ftehim bilaterali ffirmat fit-8 ta' Lulju 2006 is-socjeta' konvenuta kellha u kienet obbligata li taghti lill-"club attur somma flus li flus kontanti kull sena u 'in-nies taghna kienu mheggin (li) jixtru minghand is-socjeta' konvenuta (l-)ammont hemm specifikat ta' oggetti ammontanti ghal 3500 liri Maltin". Inoltre skond il-klawsola tmienja (8) ibid, kellu jsir reklamar ("signage space") ta' prodotti tas-socjeta' konvenuta fil-post hemm specifikat u dan bi hlas ta' LM500 lill-istess 'club' attur waqt li kif hemm miftiehem fil-klawsola hmistax (15), il-'club' attur kellu jircievi donazzjoni ta' Lm100 fi "trophiers". Ix-xhud jghid illi s-socjeta' konvenuta ma irrispettatx l-obbligazzjonijiet assunti minnha skond dawn it-tlett klawsoli u dwar dawn in-nuqqasijiet kienet intbaghtet ittra registrata mill-'club' attur lis-socjeta' konvenuta oltre diversi 'e-mails' dwar l-istess suggett (ara fol 20 sa fol 30 dwar dawn l-'e-mails' bir-risposti relattivi kif ukoll il-kontenut tal-'envelope' a fol 21 oltre fol 23, fol 24 , fol 56 u fol 60 dwar l-imsemmija ittra registrata).

In risposta, s-socjeta' konvenuta kienet allegat illi l-'club' attur kien naqas milli josserva l-obbligi assunti minnu (ara dwar dan il-punt b'mod specifikati fol 20, fol 25 u fol 26 ibid). Ix-xhud ghamel enfasi in rigward l-allegati nuqqasijiet da parti tal-'club' attur dwar dak li jinghad fil-klawsola 22 tal-istess ftehim cjoe "If one party is in default the other party must inform the defaulted party by means of a registered letter giving one month to fulfill its obligations", liema klawsola, skond ix-xhud, giet osservata mill-'club' rappresentat minnu izda mhux mis-socjeta' konventua ara ukoll ix-xhieda ta' Jean Paul Sammut a fol 33 ibid). Dwar Fabian Grima (fol 34 u fol 43 ibid) dan elenka n-nuqqasijiet da parti tal-'club' attur, in rigward l-obbligi assunti minnu a bazi ta-istess ftehim u li kienu jirreferu ghal 'salestargets', l-ilbies da parti tal-players' tal-'club' attur ta' zraben ta' certa marka, u in rigward il-'logo' tas-socjeta konvenuta

li kellu jigi stampat fuq 'stationery' tal-istess 'club' attur.

Illi Christine Peresso (fol 40 u fol 60 et seq ibid) ikkonfermat ili meta kien hemm l-allegati nuqqasijiet da parti tal-'club' attur billi dan "… ma kienx ottempra ruhu mal-kondizzjonijiet tal-istess kuntratt", l-istess socjeta konvenuta ma kienetx baghtet l-imsemmija ittra registrata skond il-klawsola 22 citata. Hi ssostni li l-ghoti ta' flus bhala "sponsorship" kien marbut … ma klawsoli ohra fil-kuntratt. Inoltre l-imsemmi David Agius kien ".. avvicina dwar hlas tal-sponsorship'qabel ma skada l-kuntratt…".

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ittra registrata, li kopji taghha jinsabu esebiti f'dawn l-atti, jidher li l-'club' attur kien talab lis-socjeta' konvenuta sabiex din tottempra ruhha mal-obbligi taghha assunti minnha taht l-istess ftehim dwar pagamenti li kellhom jsiru liema ittra kienet intbaghtet a bazi tal-klawsola 22 gja citat u dan sabiex is-socjeta' konvenuta, li kienet "in default', tigi infurmata dwar dan "giving one month to fulfill its obligations". Fl-ebda moment ma jidher illi s-socjeta konvenuta ghamlet l-istess a bazi ta' din il-klawsola meta, skond hi, il-'club' attur kien naqas li josserva l-obbligi tieghu a bazi tal-istess ftehim. Oltre dan giet notata ukoll il-klawsola 21 tal-istess ftehim fejn jinghad illi "Either party may terminate this agreement if the other party fails to honour any of its obligations arising there from any of the above mentioned clauses".

Illi s-socjeta' konvenuta, bhala fatt, minhabba dak li ghadu kemm intqal naqset milli tuza dawn iz-zewg klawsoli billi tibghat l-ittra registrata sabiex tintima lill-'club' attur halli dan jonora l-obbligi assunti minnu lanqas ma tterminat l-istess ftehim

meta allegatament rat li l-'club' attur kien qed jonqos milli jaghmel dan.

Ikkunsidrat

Illi, oltre dak miftiehem mill-partijiet, kif ghadu kemm intqal is-socjeta' konvenuta kellha il-jedd legali skond l-artikoli 1127 tal-Kodici Civili illi f'kaz li debitur jonqos milli jaghmel dak li hu obbliga ruhu li jsir da parti tieghu ("obligazione di fare") il-Kreditur jista' jitlob li jigi jawtorizzat li l-istess debitur jesegwixxi tali obbliazzjoni, oltre li jitlob id-danni kontrattwali a bazi tal-artikoli 1125 ibid (ara ukoll ghal kull bon fini l-artikolu 1069 ibid).

Illi s-socjeta' konvenuta naqset , ukoll, li titlob rimedju a bazi tal-artikoli citati, liema rimedju, fil-fehma ta' din il-Qorti, seta jigi ottenut 'per azione' u mhux permezz ta' eccezzjoni in difesa, bhal ma gara f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, minflok tuza l-mezzi legali disponibbli ghaliha, is-socjeta' konvenuta ghazlet illi tiehu l-ligi f'idejha u ma tonorax l-obbligi taghha taht l-imsemmi ftehim u dan akkwantu arbitrarjament.

Illi, a fol 24 u fol 65 tal-atti jinsab prospett dwar l-ammont mitlub fl-avviz in esami, liema ammont jidher li hu konfermi mal-istess ftehim.

Illi jigi rilevat illi t-talba in esami qed tigi akkolta salv id-drittijiet kollha li ghandha s-socjeta' konvenuta kemm a bazi tal-istess ftehim kemm fuq bazi legali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta waqt li tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-'club' attur is-somma ta' €11,180 ekwivalenti ghal Lm4,800 bl-imghaxijiet legali mill-

> 11 ta' Awissu 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes. B'riserva "si et quatenus" ghal kull dritt li ghandha l-istess socjeta' konvenuta kemm legalment kemm fuq bazi ta' fatt.**"**

L-aggravju sottomess mis-socjeta` konvenuta bl-appell taghha hu wiehed, anke jekk mhux ghal kollox, predominantement ta' indoli legali. Hi tattribwixxi inadempjenza fil-Club attur ghax dan naqas milli jonora l-obbligi tieghu insiti fil-kuntratt ta' sponsorizazzjoni u la dan huwa hekk ma kellux jigi pretiz illi da parte taghha tirrispetta l-obbligazzjoni taghha bil-versament tal-hlas. Is-socjeta` appellanti konsegwentement tinsisti illi t-tieni eccezzjoni taghha kellha tigi akkolta u mhux skartata;

Huwa car mill-kontenut ta' dik l-eccezzjoni illi s-socjeta` appellanti kienet qed topponi ghat-talba attrici l-*exceptio inadempleti contractus*, u din, kif imfisser mill-Qrati taghna, fuq l-insenjamenti dottrinali in referenza ghall-artikolu 1460 tal-Kodici Civili Taljan, apparti li tista' tigi sollevata b'mod generali relattivament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi, hi mahsuba biex il-parti kontraenti l-wiehed "jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni" ("**Emmanuele Aquilina -vs- Salvatore Aquilina *et***", Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965). Fi kliem iehor, b'dik l-eccezzjoni, il-kontraenti "jottjeni r-rikonoxximent *ex tunc* tad-dritt tieghu li jissospendi l-ezekuzzjoni minn naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti, u b'hekk f'kaz li l-eccezzjoni tinsab fondata, jipparalizza l-azzjoni ta' l-attur" ("**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Ottubru, 1966). Ilkoll principji dawn li sa recentement hafna sabu l-pjena adezjoni tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kaz "**Avukat Dottor Luigi Sansone *nomine* -vs- Nicola Romano**", 30 ta' Ottubru, 2009;

Maghmula din l-introduzzjoni, jigi mizjud illi f'tema ta' inadempiment kontrattwali l-kontraenti ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom varji rimedji generali. Ad ezempju r-rizoluzzjoni tal-kuntratt, jew l-eccezzjoni appena accennata, jew, ukoll, id-danni. Dak li jinteressa mill-qrib din il-kawza hi proprju l-eccezzjoni msemmija, anke ghaliex ma giet dedotta ebda domanda rikonvenzjonali ta' rizoluzzjoni. Tali eccezzjoni hi opponibbli anke fil-kaz ta' inadempiment ta' obbligazzjonijiet accessorji jew sekondarji fejn dawn ikollhom importanza rilevanti fl-affari kkuntrattata. Din ir-rilevanza, logikament, tiddependi mill-volontajiet manifesti tal-partijiet ghall-kuntratt, u b'riferiment ghan-natura u l-finalita tieghu;

Kif postulat ukoll fiz-zewg decizjonijiet fuq imsemmija, "*nei contratti con prestazioni corrispettive, in caso di denuncia di inadempienze reciproche, e` necessario far luogo ad un giudizio di comparizione in ordine al comportamento di ambedue le parti per stabilire quale di esse, con riferimento ai rispettivi interessi ed all'oggettiva entita` degli inadempimenti, si sia resa responsabile delle trasgressioni maggiormente rilevanti e causa del comportamento della controparte, nonche della conseguente alterazione del sinallagma*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana**, 15 ta' April, 2002, Numru 5444). Bla dubju, dan l-accertament jiddependi mill-valutazzjoni tal-fatti u ta' provi u dak ta' l-apprezzament komparattiv tal-kondotta taz-zewg partijiet in bazi ghal rapport ta' successjoni, kronologija, proporzjonalita` u kawzalita` bejn iz-zewg inadempjenzi;

Fuq il-fehma taghha in bazi ghar-rizultanzi processwali u bl-adoperu tal-precitati kriterji ta' valutazzjoni, dejjem b'riferiment ghall-iskop tal-kuntratt, din il-Qorti, b'mod generali, tirravviza illi l-inadempjenza tal-parti l-wahda ma hijiex ekwivalenti ghal dik tal-parti l-ohra, izda, invece, almenu fl-ordni kronologiku u dik tal-konsiderazzjoni ta' l-interessi reciproci, dik tas-socjeta` konvenuta appellanti tipprevali fuq dik tal-Club attur. Trattasi ta' kuntratt ta' sponsorizzazzjoni, certament, u skond il-funzjoni

ekonomika tal-kuntratt, in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tghaddi lil Club is-somma annwali u f'kontanti ta' Lm1000 ghad-durata tal-ftehim skond klawsola 3 tieghu flimkien mal-hlasijiet l-ohra fl-istess kuntratt ikkontemplati, ma jistax ma jitqiesx trasgressjoni maggorment rilevanti ta' inadempiment fil-paragun ma' l-inadempjenzi li l-istess socjeta` konvenuta trattribwixxi lill-Club. Jekk xejn, ghaliex b'dawk il-hlasijiet il-Club seta' jitqieghed f'posizzjoni finanzjarja ahjar biex jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu li jixtri minghand is-socjeta` konvenuta l-i*sports equipment* li hu assuma li jixtri;

Hemm imbaghad il-konsiderazzjoni li tinzel mill-klawsola 22 tal-ftehim li tghid illi "*if one party is in default the other party must inform the defaulted party by means of a registered letter giving one month to fulfill its obligations*". Il-fatt ammess mis-socjeta` appellanti illi hi ma baghtet ebda avviz bhal dan akkoppjat mal-konsiderazzjoni l-ohra li tinzel mill-klawsola 21, u li dwaru ssoffermat ukoll l-ewwel Qorti, turi, almenu fil-hsieb tal-Qorti, illi hi stess ma kienetx qed tqis l-inadempjenzi tal-Club bhala ta' certa gravita. Veru li f'dan l-istadju s-socjeta` appellanti tittanta trattab l-valenza ta' dan l-avviz b'dak il-mezz postali, izda ghal din il-Qorti dak in-nuqqas taghha li tibghat dak l-avviz ma jistax jitqies ta' importanza skarsa. Fl-ewwel lok, bhala intima ghall-adempiment. Fit-tieni lok, bhala att ta' kostituzzjoni in mora fil-konfront tal-Club, u ghaliex le, dik ukoll tal-komminatorja tar-rizoluzzjoni. Fit-tielet lok, u forsi l-aktar sostanzjali, biex 'il quddiem tillegittima d-difiza minnha assunta fil-kawza b'dik l-insistenza taghha ta' l-ezistenza ta' l-inadempjenzi da parti tal-Club. Ukoll, dan in-nuqqas ma jistax ma jircevix riflessjoni sfavorevoli ghas-socjeta` appellanti fil-valutazzjoni komparattiva tal-kondotti, specjalment meta jittiehed rigward tal-fatt illi l-Club appellat ottempera ruhu mat-termini tal-ftethim bl-avviz li baghat domandanti l-pagament.

Ghal motivi kollha suesposti l-Qorti qed tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-prezenti istanza jitbatew ukoll mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------